MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1191/2004

**Cassar Airconditioning Systems Limited (C19675)**

**Vs**

**Norman Zammit**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Gunju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm577.55 (hames mija sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ikbar ta' xoghol ta' 'membrane' li sar mis-socjeta` attrici fil-fond propjeta` tal-konvenut.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas is-somma hames mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm577.55) (Dok 'CAS1' u 'CAS2') rappresentanti bilanc minn prezz akbar

dovut ghal xoghol ta’ ‘membrane’ li sar lilek mis-socjeta` fil-fond propjeta` tieghek bl-isem ta’ ‘Tal-Qarqoccu’ fi Triq Jules Verne, San Pawl tat-Targa.

Bl-ispejjez, inkluz Lm11.80 (VAT Inkluza) bhala spejjez taz-zewg ittri legali datati 7 t’April 2004 u 7 ta’ Mejju 2004 (Dok ‘CAS3’ u ‘CAS4’) u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta u l-kontro-talba fejn inghad:-

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici minhabba r-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-eccipjenti qieghed jirrifjuta li jhallas lis-socjeta` attrici tax-xoghol minnu ezegwit ghaliex l-istess xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalkemm huwa talab lill-istess socjeta` sabiex tirrimedja n-nuqqasijiet li rrizultaw fix-xoghol imsemmi, baqghet inadempjenti. Fi kwalunkwe kaz, il-konvenut ghandu jiehu mis-socjeta` attrici somma ohra u qed jipprezenta talba rikonvenzjonali f’dan is-sens;
2. Stante illi l-ammont mhux dovut, il-konvenut m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza izda dawn ghandhom jigu isoportati interament mis-socjeta` attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta attrici ghall-kontro-talba fejn inghad:-

1. Illi t-talba rikonvenzjonali maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodicili Civili;
2. Illi l-eccipjenti m’ghandhom ihallsu l-ebda danni lill-konvenut rikonvenzjonant stante li ma kkagunaw u m'huma responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tal-konvenut – rikonvenzjonanti;
3. Illi l-eccipjenti jecepixxi li fl-ewwel lok huma esegwew dan ix-xoghol skond is-sengha u l-arti fit-tieni lok il-konvenut qajjem din il-kwistjoni tal-hsarat biss wara li gie interpellat halli jhallas mis-socjeta` attrici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta attrici qed jireklama bilanc ta’ ammont dovut ghal xoghol maghmul fuq inkarigu tal-istess konvenut. Il-konvenut jallega li ghalkemm dovut, ma ghandhux ihallsu stante li x-xoghol sar hazin u giet lilu kagunata hsara.
Fuq din il-hsara hemm kontestazzjoni billi l-perit minnu nkarigat spezzjona l-fond fl-2004, meta x-xoghol sar sentejn qabel.

Mix-xhieda attrici, jirrizulta li waqt ix-xoghol, dahal l-ilma u saret il hsara. Dan effettivament kien minimu ghal ahhar. Inoltre, ma hemmx qbil bejn ix-xhieda tal-konvenut u l-perit minnu nkarigat. Wiehed jghid li nkarigah u acceda dakinhar stess, l-iehor jallega li mar sentejn warajh. Apparti dan in-nuqqas ta’ qbil, jirrizulta li l-eccezzjoni tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata ta’ preskrizzjoni hija nvalida. Apparti li ghaddew is-sentejn hawn non si tratta ta’ att ta’ allegat komunjoni ta’ danni sic et simpliciter. Di fatti l-allegati danni hawn naxxenti minn att pozittiv tas-socjeta` attrici fin-nies minnha nkarigata biex jezegwixxi nkarigu lilha mghotija. F’dan il-kaz, l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta` hames (5) snin.

Jirrizulta lit-Tribunal illi purche l-konvenut haseb li ma kienx ser jigi mitlub ihallas il-bilanc, huwa ma kienx ser imexxi. Pero` huwa waslu ha l-passi mehtiega “a tempo vergine” u mhux jistenna jigi nkarigat b’talba simili bhala dik odjerna. Aktar u aktar meta ma setax jippruvaha f’dan l-istadju. Jibqa l-fatt pero` li wara sentejn il-konvenut kien ghadu qed ibati l-konsegwenzi. Ex lege dan it-Tribunal huwa marbut li jiddeciedi anki fuq bazi ta’ ekwita sabiex il-pretensjonijiet legittimi tal-partijiet ma jigux memorati. Ikun ekwu li titnaqqas nofs is-somma mitluba mill-konvenut minn dik pretiza mill-attur noe Lm577.55 (hames mija sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) titnaqqas Lm250 (mitejn u hamsin Lira Maltin) biex b’hekk tkun dovuta s-somma ta’ Lm277.55 (mitejn sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu).

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm277.55 (mitejn sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu), jichad l-eccezzjonijiet kontra, jilqa l-kontro talba limitat tal-istess somma u jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenzjonati.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kazi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------